FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 23 TA' OTTUBRU, 1996

Avv Nru.322/96

Paul Gatt ezercenti l-kummerc taht

l-isem Vestro Cut

vs

Sammy Camilleri ezercenti l-kummerc

taht l-isem Excellent Frames

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Lulju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Erba u erbghin Lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu, (Lm44.83), rapprezentanti valur ta "credit note" Dok.A rilaxxjata a favur tal-attur in segwitu ta' transazzjoni kummercjali bejn il-partijiet bhala zewg kummercjanti;

u li l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas fi flus kontanti l-valur tal-credit note minnhu rilaxxjata;

bl-interessi u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 1995 kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut, prezentata fil-11 ta' Lulju, 1996, fejn gie eccepit fl-ewwel lok li t-talba hija preskritta ai termini ta'l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili; u

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-ftehim originali kien fis-sens illi l-attur kellu jinghata merkanzija bil-"credit note" li nharget favur tieghu mil-konvenut u mhux flus kontanti;

Illi fit-tielet lok, l-ammont mhux kollu dovut stante illi kien sar ftehim bejn il-partijiet illi kellha tinghata Lm10 (ghaxar Liri Maltin) bhala commission mill-attur lill-konvenut fuq bejgh ta' magna, liema ftehim l-attur baqa' ma onorax.

Illi ghall dawn ir-ragunijet il-konvenut ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza.

Semgha x-xhieda tal-partijiet;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz, ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument ezebit;

Ikkunsidra:

1. Skond l-attur, hu kien jixtri xi gwarnic minghand il-konvenut, in konnessjoni man-negozju tieghu. F'okkazzjoni l-konvenut kien tah gwarnica danneggjata, u ghalhekk meta l-attur ilmenta l-konvenut kien hariglu "credit note".

Jidher li l-attur kien icempel lill-konvenut dwar din, u l-konvenut kien jghidlu li jgiblu l-materjal, pero' dana qatt ma gie.

L-attur kien nesa l-"credit note", u ghaddew ix-xhur, u rega innegozja mal-konvenut. Hu kien qal lil mart il-konvenut dwar il-"credit note", u din qaltlu li kien ghadda z-zmien. Ghalhekk fil-15 ta' Dicembru, 1995 baghat ittra ufficjali lill konvenut.

L-attur qal li ma kien hemm ebda ftehim li bil-"credit note" jiehu materjal.

2. Il-konvenut Sammy Camilleri xehed dwar li kien sab il-bejgh ghall-attur ghall-magna li kellu. Il-konvenut qed jippretendi Ghaxar Liri Maltin "commission".

Skond il-konvenut, meta tah il-"credit note" l-attur ried li juzaha ghall-istess tip ta' gwarnic. Hu ikkonferma li l-"credit note" baqghet ma gietx imsarrfa.

3. Iz-zewg partijiet ikkonfermaw l-invoice Dok.A, ezebita, datata 6 ta' Dicembru, 1993.

4. Dwar l-eccezzjoni sollevata rigwardanti l-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili li jistipula zmien ta' tmentax il-xahar dwar azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mob[illegible], [illegible]jugha bl-imnut, jinghad li:

> "...il-ligi ghall-finijiet ta' dina l-preskrizzjoni ma zzomm l-ebda rigward tal-professjoni abitwali sia tal-grossista sia tal-minutant imma tikkunsidra biss il-vendita fiha nfisha u l-kwantitativ tal-merci fornita indipendentement mill-prezz." (Gio Maria Camilleri vs Avv Rene' A. Cremona et noe.

Deciza 4 ta' Gunju, 1963; vide ukoll Vol.XIII p.294, Vol.XXI, P.I, p.408. u "Fenech vs Camilleri" 18 ta' Jannar, 1993, Vol.LXXVII, P.II, p.175)

Ghalhekk rilevat li l-fattispecje tal-kaz, mhux tant il-fatt li t-tnejn kienu kummercjanti, izda in-negozju kontinwu ta' bejniethom u l-kwantita' ta' materjal mixtri, ghandhom aktar xebh ma bejgh bl-ingrossa milli bl-imnut. Ghaldaqstant ma hux applikabbli l-artikolu in kwistjoni, u l-eccezzjoni fir-rigward qed tigi respinta.

5. Jibqa ghalhekk il-punt jekk wiehed jistghax jitlob flus flok materjal ghall-"credit note" li tinghatalu.

F'dan ir-rigward ghandu jinghad li meta inghatat il-"credit note" din kull ma tfisser hi li l-konvenut hu debitu tal-attur fl-ammont imsemmi fin-nota, liema ammont ma kienx qed jigi mhallas dak il-hin. Il-kreditu favur l-attur jibqa vigenti, u jista jissarraf kemm fi flus kif ukoll f'materjal, sakemm ma jkunx gie specifikat mod iehor. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim partikolari li kien jorbot lill-attur jiehu materjal. Ghaldaqstant l-attur ghandu kull dritt li jezigi li jsarraf fi flus kontanti l-imsemmija "credit note".

6. Dwar l-eccezzjoni li hemm dovuti ghaxar liri maltin lill konvenut ghall-commission fuq magna mibjugha li kienet tal-attur, dwar din ma ingiebet ebda prova, apparti li lanqas ma hemm kontrotalba f'dan is-sens;

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tal-attur u jikkundanna lill konvenut ihallas lil-attur l-ammont ta' Erba u erbghin Lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu, (Lm44.83), kif fuq inghad; bl-imghaxijiet mit-3 ta' Lulju, 1996;

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 1995, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostat
Dep. Reg.